Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1212

30.4.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1212

tad-29 ta' April 2024

li taċċetta talba ppreżentata min-Netherlands skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' nonapplikazzjoni temporanja tat-Tabella A 2, is-Subsett-026 tal-Appendiċi A tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1695 għal 78 trainset ta' Coradia Stream Intercity Next Generation ("ICNG")

(notifikata bid-dokument C(2024) 2694)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tagħha,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Lulju 2023, in-Netherlands ("l-applikant") ippreżentaw talba lill-Kummissjoni għan-nuqqas temporanju ta' applikazzjoni tal-punt 5.10.2.4 tat-Tabella ta' prijorità tal-livelli appoġġati maġenb il-binarji tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 ([2]) għal 78 vettura ta' Coradia Stream Intercity Next Generation ("ICNG") proprjetà tal-impriża ferrovjarja Netherlandiża Nederlandse Spoorwegen (NS), l-impriża ferrovjarja ewlenija fin-network Netherlandiż.

(2) Skont il-punt 5.10.2.4 tat-Tabella ta' prijorità tal-livelli appoġġati maġenb il-binarji tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919, meta tasal l-informazzjoni dwar il-livelli kollha tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS)/tas-Sistema Ewropea għall-Kontroll tat-Traffiku (ETCS) li huma appoġġati minn maġenb il-binarji, it-tagħmir abbord tal-ERTMS/ETCS għandu jagħżel mit-tabella l-livell bl-ogħla prijorità li huwa disponibbli għall-użu mit-tagħmir abbord. L-applikant talab il-possibbiltà li jkollu funzjoni addizzjonali "ATB biss" implimentata fis-subsistema ta' kontroll-kmand u sinjalazzjoni (CCS) abbord. Il-funzjoni "ATB biss" tkun tippermetti lis-sewwieqa tal-ferroviji li għadhom ma ġewx imħarrġa għall-operazzjonijiet tal-ETCS joperaw il-ferrovija fuq linji ATB konvenzjonali kif ukoll fuq l-hekk imsejħa "linji ta' sinjalazzjoni doppja" (ATB b'sovrappostazzjoni tal-livell 2 tal-ETCS) fin-Netherlands waqt li jlestu t-taħriġ tagħhom.

(3) Wara li ġiet ippreżentata t-talba l-ġdida, ir-Regolament (UE) 2016/919 tħassar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1695 ([3]). Fis-sustanza, l-obbligu li tintgħażel l-ERTMS għall-operazzjonijiet ferrovjarji, mingħajr il-possibbiltà li tintuża sistema tal-Klassi B stabbilita fit-Tabella A 2.2, Sett ta' speċifikazzjonijiet #2, ETCS BL3-MR1, l-Indiċi 4, is-Subsett-026-5 v3.4.0, il-paragrafu 5.10.2 tal-Anness tar-Regolament (UE) 2016/919 huwa stabbilit fit-Tabella A 2, l-Indiċi 4, is-Subsett-026, il-punt 5.10.2.4 tal-Appendiċi A tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1695. Għalhekk, it-talba oriġinali jenħtieġ li titqies bħala talba ta' nonapplikazzjoni temporanja tat-Tabella A 2, l-Indiċi 4, is-Subsett-026, il-punt 5.10.2.4 tal-Appendiċi A tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1695.

([1]) ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/797/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/919/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1695 tal-10 ta' Awwissu 2023 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistemi tal-kontroll-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/919 (ĠU L 222, 8.9.2023, p. 380, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1695/oj).

(4) Minn dawn il-ferroviji ICNG, 49 huma trainsets b'ħames vaguni, filwaqt li d-29 l-oħra huma trainsets bi tmien vaguni, kif speċifikat hawn taħt:

— trainsets ICNG-BO b'ħames vaguni (M) għall-operazzjoni fin-Netherlands, bl-abbozz tat-tip ta' Vetturi Ewropej (ERATV) nru 13-142-0002-1-001-001

— trainsets ICNG-BO bi tmien vaguni (L) għall-operazzjoni fin-Netherlands, bl-abbozz tat-tip ERATV nru 13-142-0003-9-001-001.

Il-vetturi huma elenkati individwalment fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(5) Dawn it-trainsets ICNG huma mgħammra b'subsistema ċċertifikata ta' sinjalazzjoni tal-ERTMS abbord skont ir-Regolament (UE) 2016/919 TSI CCS, l-Anness A, is-Sett ta' speċifikazzjonijiet #2, il-Linja Bażi 3 tal-ERTMS, ir-Rilaxx ta' Manutenzjoni 1 (BL3-MR1). Żewġ sistemi ta' sinjalazzjoni huma appoġġati: ERTMS (livell 0, livell 1, u livell 2) u s-sistema tal-Klassi B ATB-EG/Vv, is-sistema ta' sinjalazzjoni antika Netherlandiża. It-trainsets ICNG mistennija li jwettqu servizzi bejn Amsterdam — Utrecht (35 km) u l-linja ta' Hanse (46 km). Dawn huma linji ta' kapaċità għolja fin-network ferrovjarju Netherlandiż.

(6) It-talba hija bbażata fuq l-Artikolu 7(1), il-punt (c), tad-Direttiva (UE) 2016/797. Skont in-Netherlands, li kieku l-NS kienet meħtieġa li tqiegħed fis-servizz vetturi mgħammra bis-sħiħ bl-ETCS, jiġifieri l-parti tal-ERTMS użata għall-operazzjonijiet ferrovjarji, mingħajr il-possibbiltà li tintuża sistema tal-Klassi B, ikun hemm impatt finanzjarju għoli ħafna, minħabba l-għadd insuffiċjenti ta' sewwieqa ċċertifikati mill-ERTMS għall-ferroviji u n-nuqqas ta' kapaċità li jiġu sfruttati bl-aħjar mod il-vetturi ferrovjarji.

(7) Fuq talba tal-NS, jenħtieġ li tiġi implimentata funzjoni addizzjonali "ATB biss" fis-subsistema CCS abbord. Il-funzjoni "ATB biss" tkun tippermetti lis-sewwieqa tal-ferroviji li għadhom ma ġewx imħarrġa għall-operazzjonijiet tal-ERTMS joperaw il-ferrovija fuq l-hekk imsejħa linji ta' sinjalazzjoni doppja (ATB b'sovrappostazzjoni tal-livell 2 tal-ERTMS) fin-Netherlands. Bħalissa hemm żewġ linji ta' sinjalazzjoni doppji li qed joperaw fin-Netherlands: il-linja ta' Hanse u Amsterdam-Utrecht. Il-funzjoni "ATB biss" se tintuża biss għal perjodu limitat ta' żmien, li matulu l-linji jiġu kkonvertiti f'linji tal-ERTMS biss u jitħarrġu s-sewwieqa tal-ferroviji. Wara dak il-perjodu, is-sistema "ATB biss" jenħtieġ li tiġi diżattivata.

(8) Bil-funzjoni "ATB biss" tinħoloq flessibbiltà operazzjonali. Mingħajr il-funzjoni "ATB biss", il-ferrovija ICNG tista' titħaddem biss bl-ERTMS fuq il-binarji ta' sinjalazzjoni doppja. Hemm pjan ta' varar biex it-trainsets mgħammra bl-ERTMS jitqabblu ma' sewwieqa mħarrġa fl-ERTMS. Madankollu, l-NS mhux se tkun tista' tħarreġ għadd suffiċjenti ta' sewwieqa tal-ferroviji biex joperaw bis-sħiħ il-flotta ICNG abbażi tal-ERTMS sal-2025, iżda tista' biss tlesti dan it-taħriġ tas-sewwieqa sal-31 ta' Diċembru 2029.

(9) It-78 vettura ġdida ICNG se joperaw bl-użu tal-funzjoni "ATB biss" fuq il-linji ta' sinjalazzjoni doppja biss ta' Amsterdam — Utrecht (35 km) u l-linja ta' Hanse (46 km). Fl-2026, il-linja ta' Hanse se ssir linja tal-ERTMS biss, u l-funzjoni "ATB biss" imbagħad se tintuża biss fuq il-linja Amsterdam — Utrecht sal-2029.

(10) It-trainsets ICNG mistennija jiġu integrati fl-iskeda li tibda fl-2025 biex jieħdu post il-ferroviji attwali Intercity Materieel (ICM). Madankollu, parti minn din il-flotta ma setgħetx tintuża li kieku l-funzjoni "ATB biss" kienet għadha ma ġietx installata minħabba n-nuqqas ta' sewwieqa mħarrġa fl-ERTMS u ċċertifikati biex iħaddmu l-ferroviji ICNG il-ġodda. B'ħekk, l-iskeda ma setgħetx tinbidel mill-2025 u l-ferroviji ICM ma setgħux jitneħħew gradwalment, minħabba li jkunu meħtieġa biex iservu l-flussi tat-traffiku fuq il-linja ta' Hanse. Huwa stmat li l-kostijiet żejda għall-NS biex il-ferroviji ICNG ikunu fuq standby iżda ma jintużawx matul il-perjodu 2025–2029 jammontaw għal EUR 31 miljun.

(11) Skont l-informazzjoni mill-pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali Netherlandiż tal-ERTMS, l-ERTMS l-ewwel tiġi installata fil-ferroviji u mbagħad il-binarji jiġu kkonvertiti f'binarji tal-ERTMS biss. Mingħajr il-funzjoni "ATB biss", it-trainsets ICM jibqgħu jintużaw għal żmien itwal. Li kieku l-ERTMS ma ġietx installata f'parti mill-flotta l-ġdida/mgħammra b'mod retroattiv, ikun hemm konġestjonijiet fl-użu tas-sewwieqa tal-ferroviji u r-rotazzjoni tal-vetturi ferrovjarji. Ikun hemm ukoll inqas vetturi ferrovjarji disponibbli biex tinkiseb esperjenza fis-sewqan bl-ERTMS. Ikun hemm ir-riskju li t-taħriġ tas-sewwieqa tal-ferroviji jiddewwem tant li l-introduzzjoni tal-ERTMS fl-infrastruttura tiddewwem b'diversi snin.

(12) Mill-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni jista' jiġi konkluż li l-ispeċifikazzjonijiet alternattivi, li jikkonsistu fl-applikazzjoni temporanja tal-funzjoni "ATB biss" u t-tneħħija sussegwenti ta' din il-funzjoni, mhux se jikkawżaw tnaqqis fis-sikurezza jew fl-interoperabbiltà matul il-varar ta' trainsets ICNG fin-Netherlands.

(13) Abbażi tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1), il-punt (c), u l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva (UE) 2016/797 jenħtieġ li jitqiesu bħala ssodisfati għat-78 vettura kkonċernata. Għalhekk, it-talba ppreżentata min-Netherlands ta' nonapplikazzjoni tat-Tabella A 2.2, is-Subsett-026 tal-Appendiċi A tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1695 għal dawk il-vetturi sakemm is-sewwieqa kollha meħtieġa jkunu tħarrġu kif xieraq, jiġifieri, sal-31 ta' Diċembru 2029, jenħtieġ li tiġi aċċettata.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-talba tar-Renju tan-Netherlands ta' nonapplikazzjoni tat-Tabella A 2, l-Indiċi 4, is-Subsett-026, il-punt 5.10.2.4 tat-tabella ta' prijorità tal-livelli appoġġati maġenb il-binarji tal-Appendiċi A tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1695 għal 78 vettura ICNG hija approvata.

Artikolu 2

Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, ir-Renju tan-Netherlands għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-progress li jkun sar fit-taħriġ tas-sewwieqa tal-ferroviji dwar it-tħaddim tal-ERTMS u dwar is-sinjalazzjoni tal-ERTMS.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tapplika fil-limiti ġeografiċi tan-network ferrovjarju Netherlandiż.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2029.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2024.

Għall-Kummissjoni
Adina-Ioana VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

Lista ta' 49 vettura Coradia Stream magħmula minn ħames vaguni

	B2 (kopbak)				H2				D2				C2				A2 (kopbak)			
Stelnummer		**Bakkode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakkode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakkode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakkode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakkode**	**Volgnummer**	**Controlebit**
3101	NL-NS 94 84 -4	601	001	9	NL-NS 94 84 -4	603	001	7	NL-NS 94 84 -4	604	001	6	NL-NS 94 84 -4	605	001	5	NL-NS 94 84 -4	602	001	8
3102	NL-NS 94 84 -4	601	002	7	NL-NS 94 84 -4	603	002	5	NL-NS 94 84 -4	604	002	4	NL-NS 94 84 -4	605	002	3	NL-NS 94 84 -4	602	002	6
3103	NL-NS 94 84 -4	601	003	5	NL-NS 94 84 -4	603	003	3	NL-NS 94 84 -4	604	003	2	NL-NS 94 84 -4	605	003	1	NL-NS 94 84 -4	602	003	4
3104	NL-NS 94 84 -4	601	004	3	NL-NS 94 84 -4	603	004	1	NL-NS 94 84 -4	604	004	0	NL-NS 94 84 -4	605	004	9	NL-NS 94 84 -4	602	004	2
3105	NL-NS 94 84 -4	601	005	0	NL-NS 94 84 -4	603	005	8	NL-NS 94 84 -4	604	005	7	NL-NS 94 84 -4	605	005	6	NL-NS 94 84 -4	602	005	9
3106	NL-NS 94 84 -4	601	006	8	NL-NS 94 84 -4	603	006	6	NL-NS 94 84 -4	604	006	5	NL-NS 94 84 -4	605	006	4	NL-NS 94 84 -4	602	006	7
3107	NL-NS 94 84 -4	601	007	6	NL-NS 94 84 -4	603	007	4	NL-NS 94 84 -4	604	007	3	NL-NS 94 84 -4	605	007	2	NL-NS 94 84 -4	602	007	5
3108	NL-NS 94 84 -4	601	008	4	NL-NS 94 84 -4	603	008	2	NL-NS 94 84 -4	604	008	1	NL-NS 94 84 -4	605	008	0	NL-NS 94 84 -4	602	008	3
3109	NL-NS 94 84 -4	601	009	2	NL-NS 94 84 -4	603	009	0	NL-NS 94 84 -4	604	009	9	NL-NS 94 84 -4	605	009	8	NL-NS 94 84 -4	602	009	1
3110	NL-NS 94 84 -4	601	010	0	NL-NS 94 84 -4	603	010	8	NL-NS 94 84 -4	604	010	7	NL-NS 94 84 -4	605	010	6	NL-NS 94 84 -4	602	010	9
3111	NL-NS 94 84 -4	601	011	8	NL-NS 94 84 -4	603	011	6	NL-NS 94 84 -4	604	011	5	NL-NS 94 84 -4	605	011	4	NL-NS 94 84 -4	602	011	7
3112	NL-NS 94 84 -4	601	012	6	NL-NS 94 84 -4	603	012	4	NL-NS 94 84 -4	604	012	3	NL-NS 94 84 -4	605	012	2	NL-NS 94 84 -4	602	012	5
3113	NL-NS 94 84 -4	601	013	4	NL-NS 94 84 -4	603	013	2	NL-NS 94 84 -4	604	013	1	NL-NS 94 84 -4	605	013	0	NL-NS 94 84 -4	602	013	3
3114	NL-NS 94 84 -4	601	014	2	NL-NS 94 84 -4	603	014	0	NL-NS 94 84 -4	604	014	9	NL-NS 94 84 -4	605	014	8	NL-NS 94 84 -4	602	014	1
3115	NL-NS 94 84 -4	601	015	9	NL-NS 94 84 -4	603	015	7	NL-NS 94 84 -4	604	015	6	NL-NS 94 84 -4	605	015	5	NL-NS 94 84 -4	602	015	8
3116	NL-NS 94 84 -4	601	016	7	NL-NS 94 84 -4	603	016	5	NL-NS 94 84 -4	604	016	4	NL-NS 94 84 -4	605	016	3	NL-NS 94 84 -4	602	016	6
3117	NL-NS 94 84 -4	601	017	5	NL-NS 94 84 -4	603	017	3	NL-NS 94 84 -4	604	017	2	NL-NS 94 84 -4	605	017	1	NL-NS 94 84 -4	602	017	4
3118	NL-NS 94 84 -4	601	018	3	NL-NS 94 84 -4	603	018	1	NL-NS 94 84 -4	604	018	0	NL-NS 94 84 -4	605	018	9	NL-NS 94 84 -4	602	018	2
3119	NL-NS 94 84 -4	601	019	1	NL-NS 94 84 -4	603	019	9	NL-NS 94 84 -4	604	019	8	NL-NS 94 84 -4	605	019	7	NL-NS 94 84 -4	602	019	0
3120	NL-NS 94 84 -4	601	020	9	NL-NS 94 84 -4	603	020	7	NL-NS 94 84 -4	604	020	6	NL-NS 94 84 -4	605	020	5	NL-NS 94 84 -4	602	020	8
3121	NL-NS 94 84 -4	601	021	7	NL-NS 94 84 -4	603	021	5	NL-NS 94 84 -4	604	021	4	NL-NS 94 84 -4	605	021	3	NL-NS 94 84 -4	602	021	6
3122	NL-NS 94 84 -4	601	022	5	NL-NS 94 84 -4	603	022	3	NL-NS 94 84 -4	604	022	2	NL-NS 94 84 -4	605	022	1	NL-NS 94 84 -4	602	022	4
3123	NL-NS 94 84 -4	601	023	3	NL-NS 94 84 -4	603	023	1	NL-NS 94 84 -4	604	023	0	NL-NS 94 84 -4	605	023	9	NL-NS 94 84 -4	602	023	2

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1212/oj

	B2 (kopbak)				H2				D2				C2				A2 (kopbak)			
Stelnummer		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**
3124	NL-NS 94 84 -4	601	024	1	NL-NS 94 84 -4	603	024	9	NL-NS 94 84 -4	604	024	8	NL-NS 94 84 -4	605	024	7	NL-NS 94 84 -4	602	024	0
3125	NL-NS 94 84 -4	601	025	8	NL-NS 94 84 -4	603	025	6	NL-NS 94 84 -4	604	025	5	NL-NS 94 84 -4	605	025	4	NL-NS 94 84 -4	602	025	7
3126	NL-NS 94 84 -4	601	026	6	NL-NS 94 84 -4	603	026	4	NL-NS 94 84 -4	604	026	3	NL-NS 94 84 -4	605	026	2	NL-NS 94 84 -4	602	026	5
3127	NL-NS 94 84 -4	601	027	4	NL-NS 94 84 -4	603	027	2	NL-NS 94 84 -4	604	027	1	NL-NS 94 84 -4	605	027	0	NL-NS 94 84 -4	602	027	3
3128	NL-NS 94 84 -4	601	028	2	NL-NS 94 84 -4	603	028	0	NL-NS 94 84 -4	604	028	9	NL-NS 94 84 -4	605	028	8	NL-NS 94 84 -4	602	028	1
3129	NL-NS 94 84 -4	601	029	0	NL-NS 94 84 -4	603	029	8	NL-NS 94 84 -4	604	029	7	NL-NS 94 84 -4	605	029	6	NL-NS 94 84 -4	602	029	9
3130	NL-NS 94 84 -4	601	030	8	NL-NS 94 84 -4	603	030	6	NL-NS 94 84 -4	604	030	5	NL-NS 94 84 -4	605	030	4	NL-NS 94 84 -4	602	030	7
3131	NL-NS 94 84 -4	601	031	6	NL-NS 94 84 -4	603	031	4	NL-NS 94 84 -4	604	031	3	NL-NS 94 84 -4	605	031	2	NL-NS 94 84 -4	602	031	5
3132	NL-NS 94 84 -4	601	032	4	NL-NS 94 84 -4	603	032	2	NL-NS 94 84 -4	604	032	1	NL-NS 94 84 -4	605	032	0	NL-NS 94 84 -4	602	032	3
3133	NL-NS 94 84 -4	601	033	2	NL-NS 94 84 -4	603	033	0	NL-NS 94 84 -4	604	033	9	NL-NS 94 84 -4	605	033	8	NL-NS 94 84 -4	602	033	1
3134	NL-NS 94 84 -4	601	034	0	NL-NS 94 84 -4	603	034	8	NL-NS 94 84 -4	604	034	7	NL-NS 94 84 -4	605	034	6	NL-NS 94 84 -4	602	034	9
3135	NL-NS 94 84 -4	601	035	7	NL-NS 94 84 -4	603	035	5	NL-NS 94 84 -4	604	035	4	NL-NS 94 84 -4	605	035	3	NL-NS 94 84 -4	602	035	6
3136	NL-NS 94 84 -4	601	036	5	NL-NS 94 84 -4	603	036	3	NL-NS 94 84 -4	604	036	2	NL-NS 94 84 -4	605	036	1	NL-NS 94 84 -4	602	036	4
3137	NL-NS 94 84 -4	601	037	3	NL-NS 94 84 -4	603	037	1	NL-NS 94 84 -4	604	037	0	NL-NS 94 84 -4	605	037	9	NL-NS 94 84 -4	602	037	2
3138	NL-NS 94 84 -4	601	038	1	NL-NS 94 84 -4	603	038	9	NL-NS 94 84 -4	604	038	8	NL-NS 94 84 -4	605	038	7	NL-NS 94 84 -4	602	038	0
3139	NL-NS 94 84 -4	601	039	9	NL-NS 94 84 -4	603	039	7	NL-NS 94 84 -4	604	039	6	NL-NS 94 84 -4	605	039	5	NL-NS 94 84 -4	602	039	8
3140	NL-NS 94 84 -4	601	040	7	NL-NS 94 84 -4	603	040	5	NL-NS 94 84 -4	604	040	4	NL-NS 94 84 -4	605	040	3	NL-NS 94 84 -4	602	040	6
3141	NL-NS 94 84 -4	601	041	5	NL-NS 94 84 -4	603	041	3	NL-NS 94 84 -4	604	041	2	NL-NS 94 84 -4	605	041	1	NL-NS 94 84 -4	602	041	4
3142	NL-NS 94 84 -4	601	042	3	NL-NS 94 84 -4	603	042	1	NL-NS 94 84 -4	604	042	0	NL-NS 94 84 -4	605	042	9	NL-NS 94 84 -4	602	042	2
3143	NL-NS 94 84 -4	601	043	1	NL-NS 94 84 -4	603	043	9	NL-NS 94 84 -4	604	043	8	NL-NS 94 84 -4	605	043	7	NL-NS 94 84 -4	602	043	0
3144	NL-NS 94 84 -4	601	044	9	NL-NS 94 84 -4	603	044	7	NL-NS 94 84 -4	604	044	6	NL-NS 94 84 -4	605	044	5	NL-NS 94 84 -4	602	044	8
3145	NL-NS 94 84 -4	601	045	6	NL-NS 94 84 -4	603	045	4	NL-NS 94 84 -4	604	045	3	NL-NS 94 84 -4	605	045	2	NL-NS 94 84 -4	602	045	5
3146	NL-NS 94 84 -4	601	046	4	NL-NS 94 84 -4	603	046	2	NL-NS 94 84 -4	604	046	1	NL-NS 94 84 -4	605	046	0	NL-NS 94 84 -4	602	046	3
3147	NL-NS 94 84 -4	601	047	2	NL-NS 94 84 -4	603	047	0	NL-NS 94 84 -4	604	047	9	NL-NS 94 84 -4	605	047	8	NL-NS 94 84 -4	602	047	1
3148	NL-NS 94 84 -4	601	048	0	NL-NS 94 84 -4	603	048	8	NL-NS 94 84 -4	604	048	7	NL-NS 94 84 -4	605	048	6	NL-NS 94 84 -4	602	048	9
3149	NL-NS 94 84 -4	601	049	8	NL-NS 94 84 -4	603	049	6	NL-NS 94 84 -4	604	049	5	NL-NS 94 84 -4	605	049	4	NL-NS 94 84 -4	602	049	7

Lista ta' 29 vettura Coradia Stream magħmula minn tmien vaguni

	B1 (kopbak)				H1				G1				D1				C1				F1				E1				A1 (kopbak)			
Stelnummer		Bakcode	Volgnummer	Controlebit		Bakcode	Volgnummer	Controlebit		Bakcode	Volgnummer	Controlebit		Bakcode	Volgnummer	Controlebit		Bakcode	Volgnummer	Controlebit		Bakcode	Volgnummer	Controlebit		Bakcode	Volgnummer	Controlebit		Bakcode	Volgnummer	Controlebit
3201	NL-NS 9484-4	606	001	4	NL-NS 9484-4	608	001	2	NL-NS 9484-4	609	001	1	NL-NS 9484-4	610	001	8	NL-NS 9484-4	611	001	7	NL-NS 9484-4	612	001	6	NL-NS 9484-4	613	001	5	NL-NS 9484-4	607	001	3
3202	NL-NS 9484-4	606	002	2	NL-NS 9484-4	608	002	0	NL-NS 9484-4	609	002	9	NL-NS 9484-4	610	002	6	NL-NS 9484-4	611	002	5	NL-NS 9484-4	612	002	4	NL-NS 9484-4	613	002	3	NL-NS 9484-4	607	002	1
3203	NL-NS 9484-4	606	003	0	NL-NS 9484-4	608	003	8	NL-NS 9484-4	609	003	7	NL-NS 9484-4	610	003	4	NL-NS 9484-4	611	003	3	NL-NS 9484-4	612	003	2	NL-NS 9484-4	613	003	1	NL-NS 9484-4	607	003	9
3204	NL-NS 9484-4	606	004	8	NL-NS 9484-4	608	004	6	NL-NS 9484-4	609	004	5	NL-NS 9484-4	610	004	2	NL-NS 9484-4	611	004	1	NL-NS 9484-4	612	004	0	NL-NS 9484-4	613	004	9	NL-NS 9484-4	607	004	7
3205	NL-NS 9484-4	606	005	5	NL-NS 9484-4	608	005	3	NL-NS 9484-4	609	005	2	NL-NS 9484-4	610	005	9	NL-NS 9484-4	611	005	8	NL-NS 9484-4	612	005	7	NL-NS 9484-4	613	005	6	NL-NS 9484-4	607	005	4
3206	NL-NS 9484-4	606	006	3	NL-NS 9484-4	608	006	1	NL-NS 9484-4	609	006	0	NL-NS 9484-4	610	006	7	NL-NS 9484-4	611	006	6	NL-NS 9484-4	612	006	5	NL-NS 9484-4	613	006	4	NL-NS 9484-4	607	006	2
3207	NL-NS 9484-4	606	007	1	NL-NS 9484-4	608	007	9	NL-NS 9484-4	609	007	8	NL-NS 9484-4	610	007	5	NL-NS 9484-4	611	007	4	NL-NS 9484-4	612	007	3	NL-NS 9484-4	613	007	2	NL-NS 9484-4	607	007	0
3208	NL-NS 9484-4	606	008	9	NL-NS 9484-4	608	008	7	NL-NS 9484-4	609	008	6	NL-NS 9484-4	610	008	3	NL-NS 9484-4	611	008	2	NL-NS 9484-4	612	008	1	NL-NS 9484-4	613	008	0	NL-NS 9484-4	607	008	8
3209	NL-NS 9484-4	606	009	7	NL-NS 9484-4	608	009	5	NL-NS 9484-4	609	009	4	NL-NS 9484-4	610	009	1	NL-NS 9484-4	611	009	0	NL-NS 9484-4	612	009	9	NL-NS 9484-4	613	009	8	NL-NS 9484-4	607	009	6
3210	NL-NS 9484-4	606	010	5	NL-NS 9484-4	608	010	3	NL-NS 9484-4	609	010	2	NL-NS 9484-4	610	010	9	NL-NS 9484-4	611	010	8	NL-NS 9484-4	612	010	7	NL-NS 9484-4	613	010	6	NL-NS 9484-4	607	010	4
3211	NL-NS 9484-4	606	011	3	NL-NS 9484-4	608	011	1	NL-NS 9484-4	609	011	0	NL-NS 9484-4	610	011	7	NL-NS 9484-4	611	011	6	NL-NS 9484-4	612	011	5	NL-NS 9484-4	613	011	4	NL-NS 9484-4	607	011	2
3212	NL-NS 9484-4	606	012	1	NL-NS 9484-4	608	012	9	NL-NS 9484-4	609	012	8	NL-NS 9484-4	610	012	5	NL-NS 9484-4	611	012	4	NL-NS 9484-4	612	012	3	NL-NS 9484-4	613	012	2	NL-NS 9484-4	607	012	0
3213	NL-NS 9484-4	606	013	9	NL-NS 9484-4	608	013	7	NL-NS 9484-4	609	013	6	NL-NS 9484-4	610	013	3	NL-NS 9484-4	611	013	2	NL-NS 9484-4	612	013	1	NL-NS 9484-4	613	013	0	NL-NS 9484-4	607	013	8
3214	NL-NS 9484-4	606	014	7	NL-NS 9484-4	608	014	5	NL-NS 9484-4	609	014	4	NL-NS 9484-4	610	014	1	NL-NS 9484-4	611	014	0	NL-NS 9484-4	612	014	9	NL-NS 9484-4	613	014	8	NL-NS 9484-4	607	014	6
3215	NL-NS 9484-4	606	015	4	NL-NS 9484-4	608	015	2	NL-NS 9484-4	609	015	1	NL-NS 9484-4	610	015	8	NL-NS 9484-4	611	015	7	NL-NS 9484-4	612	015	6	NL-NS 9484-4	613	015	5	NL-NS 9484-4	607	015	3
3216	NL-NS 9484-4	606	016	2	NL-NS 9484-4	608	016	0	NL-NS 9484-4	609	016	9	NL-NS 9484-4	610	016	6	NL-NS 9484-4	611	016	5	NL-NS 9484-4	612	016	4	NL-NS 9484-4	613	016	3	NL-NS 9484-4	607	016	1
3217	NL-NS 9484-4	606	017	0	NL-NS 9484-4	608	017	8	NL-NS 9484-4	609	017	7	NL-NS 9484-4	610	017	4	NL-NS 9484-4	611	017	3	NL-NS 9484-4	612	017	2	NL-NS 9484-4	613	017	1	NL-NS 9484-4	607	017	9
3218	NL-NS 9484-4	606	018	8	NL-NS 9484-4	608	018	6	NL-NS 9484-4	609	018	5	NL-NS 9484-4	610	018	2	NL-NS 9484-4	611	018	1	NL-NS 9484-4	612	018	0	NL-NS 9484-4	613	018	9	NL-NS 9484-4	607	018	7
3219	NL-NS 9484-4	606	019	6	NL-NS 9484-4	608	019	4	NL-NS 9484-4	609	019	3	NL-NS 9484-4	610	019	0	NL-NS 9484-4	611	019	9	NL-NS 9484-4	612	019	8	NL-NS 9484-4	613	019	7	NL-NS 9484-4	607	019	5

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1212/oj

	B1 (kopbak)				H1				G1				D1				C1				F1				E1				A1 (kopbak)			
Stelnummer		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**		**Bakcode**	**Volgnummer**	**Controlebit**
3220	NL-NS 9484-4	606	020	4	NL-NS 9484-4	608	020	2	NL-NS 9484-4	609	020	1	NL-NS 9484-4	610	020	8	NL-NS 9484-4	611	020	7	NL-NS 9484-4	612	020	6	NL-NS 9484-4	613	020	5	NL-NS 9484-4	607	020	3
3221	NL-NS 9484-4	606	021	2	NL-NS 9484-4	608	021	0	NL-NS 9484-4	609	021	9	NL-NS 9484-4	610	021	6	NL-NS 9484-4	611	021	5	NL-NS 9484-4	612	021	4	NL-NS 9484-4	613	021	3	NL-NS 9484-4	607	021	1
3222	NL-NS 9484-4	606	022	0	NL-NS 9484-4	608	022	8	NL-NS 9484-4	609	022	7	NL-NS 9484-4	610	022	4	NL-NS 9484-4	611	022	3	NL-NS 9484-4	612	022	2	NL-NS 9484-4	613	022	1	NL-NS 9484-4	607	022	9
3223	NL-NS 9484-4	606	023	8	NL-NS 9484-4	608	023	6	NL-NS 9484-4	609	023	5	NL-NS 9484-4	610	023	2	NL-NS 9484-4	611	023	1	NL-NS 9484-4	612	023	0	NL-NS 9484-4	613	023	9	NL-NS 9484-4	607	023	7
3224	NL-NS 9484-4	606	024	6	NL-NS 9484-4	608	024	4	NL-NS 9484-4	609	024	3	NL-NS 9484-4	610	024	0	NL-NS 9484-4	611	024	9	NL-NS 9484-4	612	024	8	NL-NS 9484-4	613	024	7	NL-NS 9484-4	607	024	5
3225	NL-NS 9484-4	606	025	3	NL-NS 9484-4	608	025	1	NL-NS 9484-4	609	025	0	NL-NS 9484-4	610	025	7	NL-NS 9484-4	611	025	6	NL-NS 9484-4	612	025	5	NL-NS 9484-4	613	025	4	NL-NS 9484-4	607	025	2
3226	NL-NS 9484-4	606	026	1	NL-NS 9484-4	608	026	9	NL-NS 9484-4	609	026	8	NL-NS 9484-4	610	026	5	NL-NS 9484-4	611	026	4	NL-NS 9484-4	612	026	3	NL-NS 9484-4	613	026	2	NL-NS 9484-4	607	026	0
3227	NL-NS 9484-4	606	027	9	NL-NS 9484-4	608	027	7	NL-NS 9484-4	609	027	6	NL-NS 9484-4	610	027	3	NL-NS 9484-4	611	027	2	NL-NS 9484-4	612	027	1	NL-NS 9484-4	613	027	0	NL-NS 9484-4	607	027	8
3228	NL-NS 9484-4	606	028	7	NL-NS 9484-4	608	028	5	NL-NS 9484-4	609	028	4	NL-NS 9484-4	610	028	1	NL-NS 9484-4	611	028	0	NL-NS 9484-4	612	028	9	NL-NS 9484-4	613	028	8	NL-NS 9484-4	607	028	6
3229	NL-NS 9484-4	606	029	5	NL-NS 9484-4	608	029	3	NL-NS 9484-4	609	029	2	NL-NS 9484-4	610	029	9	NL-NS 9484-4	611	029	8	NL-NS 9484-4	612	029	7	NL-NS 9484-4	613	029	6	NL-NS 9484-4	607	029	4